29 ta' Lulju, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Vella et. *versus* Rosa Vella

**Spoll — Azzjoni Possessorja — Pussess — Art. 572 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-pussess li għandu jkun hemm biex tista' tiġi eżerċitata l-azzjoni ta' spoll privileġġjat ma huwiex xi pussess speċjali, imma huwa pussess ta' liema xorta jkun; u mhux leċitu għall-ispoljant fl-azzjoni tar-reintegrazzjoni li jinvestiga x-xorta tal-pussess ta' l-ispoljat.*

*Dina l-azzjoni tista' tiġi f'ċerti każi eżerċitata anki mid-detentur tal-fond kontra l-proprjetarju ta' l-istess fond; u wieħed minn dawn il-każi huwa dak meta l-istess proprjetarju jkun l-awtur ta' l-ispoll.*

L-atturi bl-avviż tagħhom, preżentat fil-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, talbu li l-konvenuta tiġi kundannata tħalli libera l-kamra li tinsab fil-ġenb tal-kontro-entrata fil-

fond nru. 63, New Mill Street, Mellieha, ghaf-favur ta' l-atturi, u li tiżgombra l-istess kamra u tneħħi minnha l-ghalf li ghandha fiha, billi hija qegħda tokkupaha bla titolu;

Dik il-Qorti, bis-sentenza tagħha tat 23 ta' Ġunju 1950, laqghet it-talba ta' l-atturi bl-ispejjeż, u pprefiġgiet lill-konvenuta t-terminu ta' tlitt ijiem żmien biex tiżgombra l-kamra in kwistjoni;

Trattat l-appell tal-konvenuta, din il-Qorti kkunsidrat;

Dan hu ġudizzju possessorju;

Il-fatti jirriżultaw assodati kif sabhom il-Maġistrat;

Il-leġittimazzjoni attiva u passiva ta' l-azzjoni hi sewwa. Apparti li l-provi juru li l-atturi għandhom, jew aħjar kellhom qabel l-ispoll, il-pussess imsemmi fl-art. 572, Kap. 23, li ma hux ebda pussess speċjali, imma, kif tgħid l-istess liġi, "ta' liema xorta jkun", mhux leċitu lill-konvenuta, f'din l-azzjoni ta' reintegra, li tinvestiga x-xorta ta' pussess ta' l-ispoljat (ara App. "Casolani vs. Grech", 13 ta' Frar 1901);

Lanqas tista' l-konvenuta tgħid li l-azzjoni ma tistax tiġi eżerċitata kontra tagħha, għaliex hi għandha anki dik il-kamra in lokazzjoni, għar-raġuni ovvja li, kif tajjeb esprimiet ruħha l-Kassazzjoni ta' Torin, 2 ta' Mejju 1894, "Ponviani vs. Bozzolo" (Coen. voce Az. Poss., para. 871), "l'eccezione 'feci sed jure feci' non trova luogo nel giudizio di reintegra". Del resto, hu paċifiku li l-azzjoni ta' spoll privileġġjat tista' tiġi eżerċitata f'ċerti każijiet anki kontra l-proprjetarju stess; u wieħed minn dawn il-każijiet huwa dak appuntu meta l-istess proprjetarju kien l-awtur ta' l-ispoll (ara Prim'Awla, "Dr. Camilleri vs. Vella", 16 ta' Marzu 1935, konfermata fl-Appell fl-20 ta' Marzu 1936);

Għalhekk is-sentenza appellata hija sewwa;

Konsegwentement il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellanti. It-terminu jibda jgħaddi mil-lum.